

Brussell, 9 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10419/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0143 (NLE)

ECOFIN 686
RECH 330
FIN 552
COMPET 528
ENER 311

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/77/KE li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar - Adozzjoni

1. Fis-16 ta' Lulju 2020 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/77/KE li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-KEFA (Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar) f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (ST 9855/20 + ADD 1).
2. L-għan tad-Deċiżjoni huwa li tintroduċi aġġustamenti għall-ġestjoni tal-assi tal-KEFA sabiex jiġi żgurat finanzjament adegwat, fil-forma ta' pagamenti annwali, f'konformità mad-Deċiżjoni 2003/76/KE, għal proġetti ta' riċerka fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u l-azzar, inkluż proġetti ta' riċerka rivoluzzjonarji li jappoġġaw l-oġettivi ta' proċessi ta' produzzjoni tal-azzar bi kważi zero emissjonijiet ta' karbonju sal-2030, u l-ġestjoni tat-tranżizzjoni ġusta għas-settur tal-faħam. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni għandha l-għan li:
 - tippermetti l-bejgħ ta' parti mill-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, sal-ammont annwali definit, sabiex jintuża r-rikavat, flimkien mad-dħul nett mill-investimenti, għall-finanzjament tar-riċerka msemmija hawn fuq;

- taġġusta l-linji gwida finanzjarji multiannwali għall-ġestjoni tal-assi tal-KEFA sabiex tippermetti diversifikazzjoni akbar tal-investimenti eliġibbli u firxa usa' ta' tekniki ta' investiment sabiex tizzied ir-reżiljenza tal-portafoll tal-KEFA.

3. Fis-26 ta' Mejju 2021, il-Kunsill qabel dwar l-approċċ ġenerali (ST 8705/21).
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Lulju 2021¹.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/77/KE li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, kif tinsab fid-dokument ST 9391/21, rivedut mill-ġuristi lingwisti.

¹ L-opinjoni tas-7 ta' Lulju 2021 għadha mhix ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*. Hija disponibbli hawnhekk: https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-6-2008-0073_MT.html